# BIRKIRKARA FIS-SEKLI ĦMISTAX U SITTAX

Minn Dokumenti qodma ta' Storja Soċjali u Parrokkjali

Kitba ta' P. Alexander Bonnici OFM Conv.

## BL-EQDEM DOKUMENT

Id-dokumentazzjoni dwar il-parroċċa ta' Birkirkara hi qadima ħafna. Ir-*Rollo* ta' l-1436, li sar fil-bidu ta' l-episkopat ta' Mons. Senatore De Mello, kemm-il darba tfisser ħażin.[1] Il-Kummissarji tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Malta wrew liema kienu l-knejjes parrokkjali u l-benefiċċji marbutin magħhom. Kemm Birkirkara kif ukoll l-irħula l-oħrajn kellhom il-knisja parrokkjali tagħhom qabel l-1436.

Fost dawk li saru għall-kampanja Maltija, il-parroċċa waħdanija li dwarha nstab dokument ta' qabel din is-sena hi din ta' Birkirkara. Hu dokument li juri li Birkirkara kienet parroċċa għallanqas sa mis-sena 1402. Dan hu konferma dwar kif għandu jiftiehem ir-*rollo* tal-bidu ta' l-episkopat ta' Senatore De Mello.[2]

## RAĦAL IMBAŻŻA' MILL-FURBANI

Fl-ewwel snin ta' Birkirkara bħala parroċċa, biża' kbir kien ħakem 'il-popolazzjoni. Fiż-żmien ta' qabel il-miġja fostna tal-Kavallieri ta' San Ġwann, il-Kunsill Popolari ta' l-Imdina u r-Rabat ma kienx iħoss li kellu l-possibiltà li jħares lil Birkirkara kif imiss għalkemm il-popolazzjoni tagħha kienet meqjusa kbira għal dak iż-żmien. Fis-seklu ħmistax, madwar 500 ma kenux ftit għal raħal. Dan ir-raħal, għalkemm fiċ-ċentru ta' Malta, kien fil-periklu li jiġi hu wkoll attakkat mill-furbani. Għalhekk, il-pożizzjoni tiegħu ma kinitx aħjar wisq mill-postijiet l-oħrajn li kienu qrib il-baħar. Il-furbani kienu jattakkaw fil-ħemda tal-lejl. Draw jinħbew wara Kemmuna, u mbagħad bil-lejl jintefgħu b'qilla u kefrija fuq l-irħula tagħna. Attakki bdew isiru fuq Birkirkara wkoll. Irġiel u xbejbiet kienu qed jinqabdu u jintefgħu lsiera. Ix-xjuħ kienu jinqatlu u kien jinsteraq kulma kienu jsibu fid-djar.

Lejn l-1470, ir-Re ta' Tunes ried jassedja lil Malta biex jeħodha taħt idejh.[3] Kitba ta' l-1475 turina li Birkirkara bilkemm ma tbattlitx min-nies. Fis-17 ta' Awissu 1475, il-Kunsill tal-Ġurati ta' l-Imdina u r-Rabat

---

1. NLM, *Lib.*, 721, ff.2r-4v. Għall-pubblikazzjoni parzjali tiegħu, ara G.F. ABELA, *Della Descrittione di Malta,* 1647, 312-316.
2. A. LUTTRELL, "The Cappella of Birkirkara", *MH*, VIII/2(1981), 156-160.
3. G. WETTINGER, *Acta Iuratorum et Consilii Civitatis et Insulae Maltae,* Palermo 1993, 239.

kien imbażża' ħafna. Il-Misilmin kienu ilhom moħħhom f'Malta. Kien hemm tiġrib serju ta' invażjoni. In-nies ta' Birkirkara kienu se jħallu r-raħal kollha kemm huma. Ma kellhomx fejn imorru ħlief ir-Rabat. In-Nobbli Ġwanni La Chabiba, wieħed mill-Kunsillieri, faħħar id-deċiżjoni tagħhom. Ġie ġġudikat li kienu se jagħmlu tajjeb jekk jitilgħu r-Rabat.[4] Imma, b'xorti tajba, Birkirkara ma tbattlitx għax il-Misilmin ma ħassewx ruħhom ippreparati biżżejjed biex jassedjaw lil Malta. Madankollu, sakemm ġew fostna l-Kavallieri ta' San Ġwann, Birkirkara, xorta waħda, kienet għadha f'periklu kbir.

Bejn l-1517 u l-1521, Piri Reis, kursar Tork, li iżjed tard sar ammiral tas-Sultan tat-Torok, daħal bil-moħbi f'Malta mingħajr ma ntgħaraf. Minn dak li joħroġ mit-tagħrif tiegħu, il-periklu għal Birkirkara sata' jkun kbir. Mill-kitba tiegħu, nafu li ma kienx faċli għat-Torok li jidħlu r-Rabat u l-Imdina min-naħiet ta' l-irdum ta' Ħad-Dingli. Dak l-irdum kien bħal sur qawwi, u għalhekk ma kenux jistgħu jixxabbtu miegħu b'ħeffa. Imma kien wisq iżjed faċli li jidħlu min-naħa tal-Qala ta' San Pawl (San Pawl il-Baħar), u, bil-mod il-mod, jersqu lejn iċ-ċentru. Birkirkara kienet proprju fiċ-ċentru. L-eqdem mappa ta' Malta li teżisti tagħtina idea dwar kif kien dan il-proġett.[5] Għal darb'oħra, Birkirkara ħelsitha għax il-Misilmin rawh ħafna l-bogħod minn wara Kemmuna, fejn kienu se jinħbew, sar-Rabat. Imma l-qagħda fostna ta' kursar li ma tax fil-għajn turi li l-ispjunaġġ kien minn dejjem.

## TIBQA' MAL-KATIDRAL

Fl-1530, il-Kavallieri ġew fostna. Sa l-ewwel snin tagħhom, il-parroċċi kollha kienu marbutin ma' l-Imdina, anki mill-aspett ċivili. Imma kien beda żmien meta l-Birgu beda jieħu l-importanza tiegħu bis-saħħa tal-Kavallieri. Fi żmien ta' nuqqas ta' kuntatt bejn iż-żewġ xaqlibiet ta' Malta, il-Ġurati tal-Birgu kienu qed jitħabtu biex ikollhom nofs Malta tiddependi minnhom.

Waslet is-sena 1538. L-Ordni ta' San Ġwann kellu bħala Gran Mastru lil Juan D'Homedes. Kien żmien meta s-setgħa ċivili kienet tidħol ta' sikwit f'dik ekkleżjastika. Il-Ġurati tal-Birgu ma redux li l-Imdina tibqa' żżomm kontroll fuq il-parroċċi kollha. Malta nqasmet fi tnejn. Imma Birkirkara baqgħet marbuta ma' l-Imdina. Għalkemm hi diviżjoni ċivili, xorta waħda nkiteb li l-"parroċċa" ta' Birkirkara baqgħet tiddependi mill-Ġurati ta' l-Imdina.[6]

---

4. NLM, *Univ.*, 11, f.342.
5. M. AGIUS VADALA', "The first Map of Malta by a Turkish Corsair", *STM,* 24.10, 31.10, 7.11.1965.
6. NLM, *Univ.*, 13, f.362.

## 1543: QADIMA FOST IL-QODMA

Fil-bidu tat-tmexxija tal-Kavallieri, wisq iżjed milli fi żmienna, ħadd ma kien iċedi lil ħaddieħor id-drittijiet tiegħu. Fiċ-ċkejkna Malta tagħna wkoll, jekk parroċċa qadima kienet iċċedi xi dritt tagħha lil ħaddieħor, kienet tiġi mixlija bi traskuraġni.

Dokument importanti li jiena sibtu fl-Arkivju tal-Katidral ta' Malta jgħidilna li, sa l-1535, il-parroċċa tan-Naxxar kienet l-unika f'Malta li kellha t-titlu ta' Matriċi, u, meta kienet tinqala' xi purċissjoni, hi kienet tgawdi l-preċedenza fuq il-parroċċi l-oħrajn, minbarra dawk ta' l-Imdina u tal-Birgu.[7]

Fl-1543, inqalgħet okkażjoni li fiha l-parroċċi bdew jieħdu sehem kollha flimkien. L-Isqof ta' Malta Domenico Cubelles ordna li tibda ssir proċessjoni rogazzjonali biex fiha jsir talb lil Alla ħalli jqanqal għall-paċi lis-slaten ta' l-Ewropa, li kienu miksurin ħafna bejniethom. L-Isqof ordna li l-parroċċi kollha jieħdu sehem fiha bil-kleru, fratellanzi, u lajċi. Kienet tiġi organiżżata nhar San Girgor, jiġifieri fit-12 ta' Marzu, mill-Imdina għall-knisja ta' Santa Katarina (magħrufa bħala ta' San Girgor), iż-Żejtun. F'dik il-purċissjoni, il-parroċċa ta' Birkirkara ma damitx ma bdiet turi l-importanza tagħha. Fi żmien qasir, il-Kappillani ta' Birkirkara u tan-Naxxar bdew jimxu flimkien biex juru li d-dritt ta' preċedenza fuq l-oħrajn kollha kien tagħhom it-tnejn. Il-Kappillan tan-Naxxar, li kien Dun Nikola De Nicolacio, ma pprotestax. Imma Dun Duminik Dimech u Dun Mattew Fava, Kappillani tan-Naxxar wieħed wara l-ieħor ipprotestaw bit-tama li jerġa' jingħatalhom id-dritt li l-parroċċa tagħhom timxi l-aħħar weħidha. Dawk xlew lill-predeċessur tagħhom talli ma kienx iddefenda id-drittijiet tiegħu.[8] Meta bdiet dik it-tilwima, il-Kappillan ta' Birkirkara kien Dun Ġwann Pisani. Imma damet ħafna ma nqatgħet. Il-każ spiċċa Ruma, u tbiddlu wkoll l-Isqfijiet ta' Malta. Spiċċa Ghinucci (li qatt ma kellu l-ħsieb li jiġi Malta). Min-naħa l-oħra Bosio miet malajr. Beda żmien aħjar bil-għażla ta' Domenico Cubelles fl-1540.

Soluzzjoni ta' kompromess waslet minn Ruma fil-25 ta' April 1548. Il-Kappillan tan-Naxxar kien Dun Mattew Fava waqt li dak ta' Birkirkara kien Dun Ġann-Mattew Camilleri. Iż-żewġ Kappillani bil-kleru tagħhom baqgħu jimxu wara salib wieħed. Imma dawk tan-Naxxar imxew fuq il-lemin.[9] Id-dokumentazzjoni hi waħda twila b'ħafna dettalji. Hi wkoll diffiċli biex tinqara.[10] Għal ħafna żmien, il-qagħda ma tbiddlitx. Kull

7. MCM, ACM, *Misc.*, 10(1350-1739), f.579.
8. *Ib.*, f.587.
9. *Ib.*
10. *Ib.*, ff.579-588.

sena, fil-Kurja ta' l-Isqof, qrib il-festa ta' San Girgor, kien jiġi stabbilit liema kien l-ordni tal-preċedenza bejn il-parroċċi. Lill-parroċċi tan-Naxxar u ta' Birkirkara, narawhom dejjem imniżżlin, waħda wara l-oħra jew flimkien. Huma wara l-Katidral u l-Birgu, imma qabel l-oħrajn kollha.[11] Dawn il-kitbiet bl-ordni tal-preċedenza għadhom jeżistu.



Biż-żmien, din it-tilwima nqatgħet. In-Naxxar baqgħet parroċċa li ma saritx ħlief Arċipretali, waqt li Birkirkara, fl-1630, ġiet mgħollija għall-ġieħ ta' Kolleġġjata. Mhux biss kienet l-ewwel Kolleġġjata, imma damet għal żmien twil weħidha. Bħala Kolleġġjata, hi kisbet id-dritt tal-preċedenza, mhux biss fuq in-Naxxar, imma wkoll fuq il-Birgu (li ma kellux isir Kolleġġjata ħlief fis-sena 1820).[12]

Dawn il-ftit ġrajjiet miġburin minn kitbiet ta' mijiet ta' snin ilu jissoktaw idawlu l-istorja ta' Birkirkara kemm bħala post fil-qalba ta' Malta kif ukoll bħala parroċċa li baqgħet dejjem tikber fl-importanza tagħha.

---

11. Ara wkoll: G.F. ABELA, *Della Descrittione di Malta,* 1647,360.
12. Għal dettalji oħrajn, ara A. BONNICI, *Storja ta' Malta fi Ġrajjiet il-Knisja,* Rel. u Ħajja, 1996, 133-147.

**XI ABBREVJAZZJONIJIET**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ACM | : Archivium Cathedrale Melitense | MCM | : Museum of the Cathedral, Mdina |
| *Ib.* | : Ibidem: fl-istess post | NLM | : National Library of Malta |
| *Lib.* | : Library | Univ. | : Università (Kunsill Popolari) |


***Robert's Footwear***

**140, St. Joseph High Road, Hamrun**
**Tel: 225224**

*Staqsi għal*
Robert jew George